Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 227/2008

Appell Nru: 230/2008

Appell Nru: 237/2008

Il-Pulizija

Supritendent Sharon Tanti

Vs

Frank Cachia et.

Illum,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati Frank Cachia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 415770M, Michael Ciappara, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 216337M, Mario Ciappara, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 445671M u Anthony Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 469679M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-gzejjer, mill-fond '***Maximus***', li jinstab fi Triq il-Fliegu, Bugibba, f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, u li jiksru d-disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi f'Malta, assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u *cioe'* ghenu jew assistew lil persuni ohra fiz-zamma ta' burdell fil-fond '***Maximus***', sitwat fi Triq il-Fliegu, Bugibba;

2. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok, u cirkostanzi, zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut, jew lokal iehor, jew ta' xi parti minnhom, u *cioe'* l-fond '***Maximus***', sitwat fi Triq il-Fliegu, Bugibba, li huma frekwentati jew maghduda bhala li huma frekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra mmorali;

Lil Frank Cachia u Michael Ciappara wehidhom:

1. Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, hallew jew ippermettew hanut, allogg, lukanda jew appartament privat, jew xi parti taghhom, u *cioe'* l-fond '***Maximus***', sitwat fi Triq il-Fliegu, Bugibba, jigi uzat bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra mmorali;
2. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, gewwa l-fond '***Maximus***', sitwat fi Triq il-Fliegu, Bugibba, mpjegaw jew taw xoghol lill-persuni li ma kienux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol, u *cioe'* taw impjieg lil Gabriela Chiriac, Nicoleta Spadaru, Elena Petronela Dascalu, u Gabriela Stingaciu, kollha ta' nazzjonalita' Rumena;
3. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala l-principali jew il-persuni li jimpjegaw persuni ohra, *full – time*, *part – time* jew xort' ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqsu li jinnotifikaw lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dawn l-impjiegi kif hemm fl-Avviz Legali 110/1993;
4. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, iggestew il-fond '***Maximus***', sitwat fi Triq il-Fliegu, Bugibba, bhala post kummercjali minghajr il-licenzja tal-Awtorita' kompetenti;

5. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, fil-fond '***Maximus***', sitwat fi Triq il-Fliegu, Bugibba, bhala persuni li jiggestixxu l-fond '***Maximus***', ippermettew lil Raymond Micallef biex jaghmilha bhala *substitute* minghajr il-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;
6. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, mpjegaw, hadmu, jew ippermettew l-uzu ta' servizzi ta' gwardjani privati, u *cioe'*, hadmu lil Anthony Azzopardi bhala gwardjan privat minghajr licenzja skond id-disposizzjonijiet tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali.

Lil Anthony Azzopardi wahdu talli:

1. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, hadem bhala agenzija ta' gwardjani privati jew bhala gwardjan privat jew offra s-servizzi tieghu fil-fond '***Maximus***', sitwat fi Triq il-Fliegu, Bugibba, minghajr ma kellu licenzja skond id-disposizzjonijiet tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali.

Lil Frank Cachia wahdu talli:

1. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, kkommetta reat fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fit-2 ta' April, 2003, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Settembru, 2015, fejn il-Qorti, fil-konfront ta' Frank Cachia u Michael Ciappara sabet htija *ai termini* tal-Artikoli 3, 4, 7 tal-Avviz Legali 110 – 1993 u l-Artikolu 4 u 25 tal-Kapitolu 389 u l-Artikolu 2, 18, 43 tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta, u kkundannathom ghal multa ta' €5,000 (hamest elef Ewro) kull wiehed. Sabet htija wkoll fil-konfront ta' Anthony Azzopardi *ai termini* tal-Artikolu 3, 25 tal-Kapitolu 389 u kkundannatu ghal multa ta' €1, 182. Ghar-ragunijiet gia' premessi, Mario Ciappara gie liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu in kwantu rrizulta li fil-'***Maximus***' kien biss impjegat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Lulju, 2008, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi (1) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellanti hatja tal-akkuzi migjuba kontrihom u l-pieni nflitti fuqhom, (2) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat u ma sabitx htija ta' Frank Cachia u Michael Ciappara tal-hames akkuza migjuba kontrihom wehidhom (3) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx htija u lliberat lil Frank Cachia tal-akkuza migjuba kontrih biss (4) tirrevokaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lil Frank Cachia, Michael Ciappara, Mario Ciappara u Anthony Azzopardi taz-zewg akkuzi migjuba kontrihom kollha u minflok wara li tisma' l-provi dwar il-kaz, ssib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi (5) tirrevokaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lil Frank Cachia u Michael Ciappara tal-ewwel akkuza migjuba kontrihom biss u minflok wara li tisma' l-provi dwar il-kaz, ssib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi u (6) tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w *cioe'*:-

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament zbaljata skond il-ligi ta' x'jikkostitwixxi prostituzzjoni, burdell u atti mmorali.

<u>**L-elementi ta' prostituzzjoni**</u>

Fil-ligi '*the essence of prostitution is the making of an **offer** of sexual services for **reward**, and that it is **immaterial** that the person making the offer does not intend to perform them and does **not** do so*'.

Aktar milli sserrah bla dubju fuq li ntqal mix-xhieda, l-Qorti kien messha waslet ghall-konkluzjoni taghha fuq il-bazi tad-definizzjoni ta' prostituzzjoni skond il-ligi u d-duttrina u fuq l-evalwazzjoni tax-xhieda kollha. Huwa car li x-xhieda tat-tfajliet Rumeni fehmu li l-prostituzzjoni tikkonsisti wkoll f'zfin u ghemil zieni li huwa mmorali maghmula bi hlas ghas-servizzi moghtija li jikkonferma dak li tghid il-ligi.

Fil-ligi *'prostitution does **not** necessarily involve that the woman offers **full** sexual intercourse. A person who, for example <u>masturbates</u> clients, falls within the definition. Nor is prostitution confined to the case where the person offers his or her body passively. The breath of this definition brings <u>**proprietors**</u> of massage parlours where sexual <u>indecencies</u> are practised, and escort agencies where such practices are encouraged, within the section'*.

Prostituta *'includes a woman who offers her body commonly for acts of **lewdness** for payment although there is **no** act or offer of an act of ordinary sexual intercourse'*. Iktar min hekk *'prostitution is <u>**proved**</u> if it be shown that a woman offers her body commonly for **lewdness** for **payment** in return'*. It-term prostituta tirrelata ma' *'someone who is prepared for **reward** to engage in act of **lewdness** with all and sundry or with anyone who may hire her for that purpose'*. Iktar minn hekk, *'it is not necessary that she should have submitted to acts of lewdness in a passive way. Active acts of indecency by the woman herself will fall within this section'*.

<u>**L-elementi ta' ghemil zieni**</u>

Fir-rapport bl-isem *'<u>**Profitable Exploits Lap Dancing in the UK**</u>'* huwa spjegat illi *lap dancing* jirreferi ghal **kull** tip ta' zfin erotiku bhal zfin fuq imwejjed jew ma' arbli. Ir-rapport jghid li *lap dancing* jista' jkun ukoll *'couch dancing and tailing with the dancer standing over a customer set on a couch hanging her breasts over him. The US version of lap dancing required the woman to straddle the man's lap and rub against him. A variation involves the woman dancing between the customer's legs whilst sliding down in the chair so that her thighs are rubbing the customer's legs whilst sliding down in the chair so that her thighs are rubbing the customer's genitals as she moves.'*

Fl-istess rapport, *pole dancing* hu deskritt bhala *'a cabaret performance in the main club area and is the element most commonly used in TV and film representation'*.

Ta' min jghid li dan it-tip ta' zfin mhux sempliciment jammonta ghal att libidinuz u zieni, imma dan it-tip ta' zfin mhu xejn hlief *'an exhibition of wares'* accessibli ghal *lap dancing* u daqstant iehor huwa simulazzjoni ta' attivita sesswali u l-att sesswali nnifsu kif fil-fatt hu *lap dancing*.

*Pole dancing* essenzjalment hija zifna minn mara madwar lasta, u timita movimenti li mill-ewwel huma identifikati mal-att taz-zwieg. Dan it-tip ta' zfin minnu nnifsu jammonta ghemil zieni jew serje ta' ghemil zieni maghmulin bl-istess intenzjoni u fl-istess hin, generalment waqt xi kanzunetta, twila kemm hi twila l-kanzunetta.

Gie provat li hekk kif il-kanzunetta tispicca, l-*pole dancer*, bl-istess ilbies, tavvicina biex tkellem il-klijenti sabiex thajjarhom jixtrulha l-alkohol li fuqhom tiehu kommissjoni jew taghmel *lap dances*. Dan jirrizulta car illi l-*pole dancing* isir bi skop ta' gwadann finanzjarju. Din hi wkoll attivita zienja biex isservi bhala preludju ghal imgieba aktar zienja li tikkonsisti f'*lap dancing* u *strip tease* bi skop ta' qliegh finanzjarju. Dan kollu juri bic-car li l-*pole dancing*, il-*lap dancing* u *strip tease* jaqghu ghall-finijiet legali ta' prostituzzjoni kif spjegat aktar 'il fuq.

Il-persuni kollha mharrka kollha ammettew li l-iskop tal-'***Maximus***' kien li jaghmlu qliegh finanzjarju mill-klijenti billi jhajruhom ipartu mill-flus bil-*pole dancing*, *lap dancing* u *strip tease*.

Johrog car mix-xhieda tat-tfajliet Rumeni li kull zifna li kienu jaghmlu minbarra dik promozzjonali ma' arblu li kien hemm fuq il-*podium* tal-bar kienet issir bi skop ta' qliegh finanzjarju. Anke zifna mal-arblu nnifisha, ghalkemm gratwita, kienet intiza bhala stedina ghal atti aktar libidinuzi bhal ma huma t-*topless dancing*, *lap dancing* u *strip tease*. L-appellati mputati kienu jhaddmu t-tfajliet u jassistuhom biex iwettqu dan. Allura l-konkluzjoni hija wahda – li kull zfin li kien isir il-'***Maximus***' sar bl-iskop li jwassal ghal prostituzzjoni jew atti ohra mmorali skond il-ligi.

Francesco Carfora fil-*Digesto Italiano* jghid illi '*atti di libidine debbono ritenersi* ***tutti*** *quei contatti e quelle manovre, che possono eccitara i sensi, anche se* ***non*** *giuingono allo sfogo complete della libidine*'. Minn dan johrog car li atti libidini huma dawk l-atti kollha '*diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza*'. '*The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act*'.

**<u>Elementi ta' burdell</u>**

L-Ewwel Qorti zbaljat meta ddefiniet dawn l-istabbilimenti bhala postijiet fejn ma jidhlux minorenni. Infatti, dan l-istabbiliment ma kienx licenzjat u l-unika licenzja li seta jgib kien bhala dak ta' nbid u spirti u ghaldaqstant seta kien **<u>licenzjat biss biex ibiegh inbid u spirti u mhux biex jipprovdu kwalunkwe tip ta' divertiment</u>**. Dan huwa zball iehor meta l-Ewwel Qorti kellha f'mohhha meta tat id-decizjoni taghha. Il-'***Maximus***' ma kienx licenzjat bhala burdell u seta biss kien licenzjat bhala burdell u seta biss kien licenzjat bhala *bar*. Il-licenzja ta' *bar* ma tipprovdix ghal *live entertainment*.

Wiehed kien jistenna li almenu s-sentenza tidentifika l-interpretazzjoni legali ta' '*burdell*' u ta' '*prostituzzjoni*'. Infatti u skond il-ligi, l-istabbilimenti in kwistjoni kienu qed jintuzaw bhala briedel u bhala stabbilimenti ghal skopijiet ta' prostituzzjoni. Ghar-rigward l-interpretazzjoni legali ta' prostituzzjoni, dan diga gie spjegat aktar 'il fuq u gie spjegat bl-iktar mod car illi skond il-ligi, u mhux skond il-percezzjonijiet, kienet qed titwettaq attivita ta' prostituzzjoni gewwa l-istabbilimenti in kwistjoni. Allura dawn l-istabbilimenti in kwistjoni, skond il-ligi, jikkwalifikaw bhala '*burdell*' u bhala '*stabbilimenti ghal skopijiet ta' prostituzzjoni*'. Fil-fatti gie ritenut illi '*whether premises constitute a brothel is a question of fact and **degree**: they are not precluded from being a brothel just by the fact, on any one day, only one prostitue is present. Where there is a joint use of premises by a team of women for the purposes of prostitution, the premises constitute a brothel*'.

Illi '*it is **not necessary** (to prove) that there should be evidence of any indecency or disorderly conduct being perceptible from the exterior of the house*' sabiex l-istabbiliment jigi konsidrat bhala burdell.

Illi '*a brothel is defined as a place where people are permitted to resort for any purpose of unlawful sexual intercourse. It is **not** necessary that **full** sexual intercourse be offered there **nor** is it necessary that **payment** for such services be **made**. A brothel may be a house, or a room, or a set of rooms kept for the purposes of prostitution.*' Il-kontenut nnifsu tal-*menus* tal-'***Maximus***' huwa tali mod biex jirriklama l-post bhala wiehed fejn il-platt tal-

gurnata hija l-mara li ghal prezzijiet stabbiliti tista' toffrilhom zfin erotiku u anke *strip tease* imnezzgha mill-hwejjeg kollha.

**Il-licenzja tal-'Maximus'**

F'Malta, persuni ta' sittax –il sena jew iktar, bil-ligi jistghu jidhlu f'postijiet li minnhom jista' jinbiegh l-alkohol. Il-propjetarju ta' dan it-tip ta' stabbiliment kellu bil-licenzja **kancellata** biex ibiegh inbid u spirti, u ghalkemm ma kellux il-licenzja mehtiega xorta baqa jopera bhala *bar*. Quddiem il-ligi, jekk ghandu licenzja xorta ma ghandu l-ebda dritt li jichad id-dhul lil dawn il-minorenni. Allura kull minorenni li jixtieq jidhol f'dawn l-istabbilimenti ghandu dritt quddiem il-ligi biex jigi ammess. Mhux bizzejjed li l-Ewwel Qorti '*tispera*' li hekk issir u kontrarjament ghal dak li qalet l-Ewwel Qorti ma kien hemm ebda bazi ta' '*konfort*' li dan l-istabbiliment mhux accessibbli ghal minorenni, l-iktar meta wahda miz-zeffiena stess kienet taht il-21 sena.

F'dan ir-rigward, ghal darba ohra, l-Qorti kienet zbaljata li taghti x'tifhem li dawn l-istabbilimenti fil-kwistjoni jistghu jigu kkonsidrati bhala '*adult public places of entertainment*' fejn ma jidhlux minorenni. Kif gie nnotat, il-fatt li l-Qorti tirriferi ghal dawn l-istabbilimenti bhala post ghall-adulti huwa zball da parti tal-Qorti. L-istabbiliment in kwistjoni seta kien biss licenzjat bhala stabbilimenti ta' inbid u spirti, u ghaldaqstant li kieku kellu l-licenzja addatata ma setax jirrifjuta minuri minn sittax –il sena 'il fuq li jidhlu kienet x'kienet id-*door policy* tal-istabbiliment. *Quindi* dawn ma kienu assolutament xejn licenzjati bhala *adult place of entertainment*.

Hawnhekk qed tohloq sitwazzjoni fejn persuni taht il-21 sena jistghu jidhlu f'postijiet fejn minnhom qed isiru dawn l-atti ta' ghemil zieni u li fihom qed jinzamm burdell. Ta' min jinnota wkoll li wahda miz-zeffiena kellha biss <u>dsatax</u> –il sena. Il-propjetarju ta' dawn il-hwienet bil-ligi ma jistax jirrifjuta dhul ta' dawn il-minorenni li jixtiequ jidhlu fil-lokal tieghu. Huwa zball u ta' dizgwid li wiehed jirreklama attivita ta' hanut bhal '***Maximus***' bhala post li joffri *adult entertainment* ghaliex dan jindika illi adulti biss jistghu jidhlu f'dan il-post, meta fil-fatt legalment jistghu jidhlu anke zghazagh minorreni ta' 16 –il sena. Il-'***Maximus***' mhux stabbiliment riservat ghall-adulti biss.

Il-licenzja tal-'***Maximus***' ma tkoprix li ssir dawn l-atti zienja. Gie sostnut illi '*even partial nudity of a female performer dancing in a public car constitutes lewd, immoral and improper entertainment within the context of the Liquor Code*'.

Dan il-principju gie kkonfermat ukoll fil-kaz *Matter of Restaurant Liquor License*, '*wherein a scantily clad female entertainer performed in the bar area and allowed patrons to place money into her G – string*'; kif ukoll fil-kaz ***PLCB** v. **Tris – Dad***, '*wherein an entertainer wore nothing except a wet nightgown, which was lifted to display portions of her body. The facts of this case clearly establish a violation of lewd and/or improper entertainment and violate the regulation prohibiting contact or association for lewd, immoral and unlawful purposes*'.

<u>**Elementi ta' tmexxija, kontroll eccetra ta' burdell**</u>

Illi l-Ewwel Qorti zbaljat fl-analizi tal-ligi u l-fatti fejn kien jinvolvi t-tmexxija tal-'***Maximus***' bhala burdell u t-tqassim tal-profitti minn fuq it-tfajliet Rumeni bhala prostituti.

Gie sostnut illi meta jkun qed jigi kkonsidrat individwu hux hati li zamm jew mexxa jew qasam ma' ohrajn fit-tmexxija u kontroll ta' burdell, jew hu jew huma maghrufin li jwasslu ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet ohra mmorali anke '*where a **porter** was employed to look after (such premises) it was held that he could be convicted of being **wilfully** a party to the continued use of the premises or part thereof as a brothel*'.

Illi '*a person may be guilty of assisting in the management even though he or she acts in a **menial** capacity, such as a receptionist. It is however submitted that a purely menial servant, such as a cleaner, who neither admits nor denies admission to others does not assist in the management. <u>A person may act or assist in a brothel without acting or assisting in its management</u>*'.

Minn dan jirrizulta li jekk il-bidillu u/jew ir-*receptionist*, individwi li bl-ebda mod ma huma nvoluti fl-ghemil zieni, jistghu attwalment jigu kkundannati talli kellhom sehem fit-tmexxija jew talli assistew fit-tmexxija tal-istabbiliment b'mod indirett. F'dan il-kaz huwa car l-involviment tal-appellat imputati ghaliex l-att taghhom fit-tmexxija tal-'***Maximus***' tan-negozju ta' burdell, li jigbru u jaqsmu l-profitti mill-ghemil

zieni taz-zeffiena Rumeni huwa l-qofol tan-negozju ta' burdell, tikkontribwixxi u taqsam fil-profitti tal-istabbiliment.

Dan ifisser illi jekk persuni bhal Anthony Azzopardi li jiehu hsieb is-*security* u jigbor il-qliegh miz-zeffiena, Mario Ciappara li jiehu hsieb is-*stock*, Frank Cachia li jiehu hsieb li jipprokura t-tfajliet u Michael Ciappara li pprovda l-post bl-iskop biex isiru atti mmorali ghal profitt finanzjarju la darba assistew fit-tmexxija u z-zamma tal-post bhala burdell ghandhom jinstabu hatja fiz-zamma ta' burdell tal-'***Maximus***'.

Tant hu hekk illi t-tfajliet Rumeni tressqu f'kaz kriminali bil-komplicita fiz-zamma ta' burdell. It-tfajliet Rumeni instabu **hatja** fuq **<u>ammissjoni</u>** taghhom stess tal-akkuzi migjuba kontrihom u qatt ma appellaw minn din is-sentenza jew urew interess li jappellaw. Huwa ghalhekk impossibli kif Qorti ohra, tal-istess gurisdizzjoni u kompetenza, wara li t-tfajliet Rumeni ammettew u nstabu hatja, u wara li Qorti ohra qablet ma' din il-konkluzjoni ta' komplicita li Qorti ohra tista' taghmel apprezzament kompletament kontradittorju fuq l-istess provi, fatti, xhieda u ammissjoni tal-persuni principali involuti fit-twettieq ta' dan il-burdell.

**<u>Atti mmorali</u>**

Il-Qorti zbaljat meta ma gharfitx id-differenza bejn *postcard* jew stampa go *magazine* jew kalendarju ma' haga **hajja** u **dinamika**. Kulhadd jaqbel li hemm differenza enormi u totalment differenti bejn **stampa** ta' mara nofsha mnezzgha u mara hajja thokk mal-koxxa ta' fuq ta' persuna u fil-prezenza tieghu tinqaleb u taghmel simulazzjonijiet ta' natura sesswali u tal-att sesswali. Kien id-dover tal-Ewwel Qorti li taghraf id-differenza bejn mara liebsa qalziet ta' taht tal-hajta, *thong* waqt li qed tixxemmex fuq xatt (li rari huwa l-kaz) mara ghall-affari taghha u mhux bi skop li taghmel qliegh finanzjarju u mara (u mhux tfajla ta' dsatax –il sena kif irrizulta f'dan il-kaz) ohra liebsa dan it-tip ta' qalziet ta' taht u tizfen fuq hogor ta' ragel jew taghmel simulazzjonijiet ta' attivita sesswali ma' lasta fizikament prezenti quddiem klijenti bi skop ta' qliegh finanzjarju u biex isiru atti ta' ghemil zieni. Din is-sentenza zgur ma taghti l-ebda dinjita superjuri lill-mara u lanqas protezzjoni. It-*tourist vacation* taghna

kif deskritta mill-Qorti ma tistax tintuza mill-Qorti kif intuzat fis-sentenza bhala *carte blanche* ghal kull tip ta' mgieba mmorali. L-Ewwel Qorti taghti l-impressjoni li jiddispjaciha minn dak li hija tikkonsidra bhala deterjorament ta' livell morali.

Izda tissalvagwardja l-moralita pubblika. Il-Qorti, anzi tiddeskrivi t-*tangas* u l-ilbies ta' taht f'dawn l-istabbilimenti bhala *the dress code of the girls* li suppost allura l-pulizija kellhom ikunu jafu mentri dawn jista' biss jigi kkonsidrat bhal *dress code* biss ta' prostituta.

Illi l-appellant l-Avukat Generali bir-rispett kollu jissottometti li l-hwejjeg ta' taht, fi kwalunkwe lingwa, jirreferu ghal dak l-ilbies intimu li mhux espost f'postijiet pubblici meta jintlibes. Huwa dak l-ilbies l-aktar vicin tal-gisem u taht il-hwejjeg ta' fuq, u ghaldaqstant ma ghandux jigi espost f'postijiet pubblici b'mod esebizzjonista u/jew b'mossi sesswali jew erotici, u wisq aktar gravi fejn il-minuri jkunu prezenti anke fl-attwati tal-'***Euroclub Hotel***'. Illi dawn il-hwejjeg ta' taht huma '*strument*' biex jiffacilitaw atti ta' ghemil zieni u huma wzati flimkien ma' strumenti ohra bhal l-arblu tal-*pole dancing* flimkien maz-zfin sesswali bl-iskop ta' atti mmorali. Il-fatt li dawn huma maghmula bl-iskop ta' qliegh finanzjarju jaqghu awtomatikament fl-isfera tal-prostituzzjoni skond il-ligi. Dan huwa ghad-differenza ta' persuna li tilbes malja (ta' materjal iktar ohxon biex il-partijiet intimi tal-mara ma jidhrux jekk ikun il-kaz li tinzel tghum hdejn il-bahar bla ebda skop u ntenzjoni li taghmel qliegh finanzjarju).

*Underwear*, indumenta intimi, hwejjeg ta' taht jirreferu ghal bicciet ta' materjal intimi li ma ghandhomx jinkixfu. Fl-istess mod, malja tal-bahar hija maghmula minn bicciet ta' materjal ta' certu hxuna u kwalita addattati ghall-bahar u l-pubbliku. Ghalhekk naghmlu distinzjoni bejn *bra* u qalziet ta' taht bhala hwejjeg ta' taht u *bikini* tal-bahar minhabba l-iskop principali taghhom u certament l-iskop principali ta' *underwear* huwa li jintlibsu **taht** il-hwejjeg ta' fuq ghal fini ta' kumdita fizikali u igjene personali, u ghalhekk il-materjal ikun irqiq u hafif inqas minn ta' malja tal-bahar ghaliex hwejjeg ta' taht huma tip ta' *underwear* ta' natura personali u intima u ma tintlibisx biex tinkixef hdejn il-bahar kif inhuwa l-iskop ta' malja jew *bikini* tal-bahar fejn l-iskop principali taghha huwa biex thallik tghum minghajr ma tista' tkun imbarazzat li partijiet intimi

jidhru meta l-materjal jixxarrab bl-ilma. Meta *underwear* jintuza f'post pubbliku bhal '***Maximus***', l-intenzjoni hija wahda biss.

Hija ntenzjoni biex tuza hwejjeg ta' natura intimi ghal ghemil zieni biex taghmel qliegh finanzjarju mill-klijenti u thajjarhom ipartu mill-flus billi jonfquhom f'xorb alkoholiku jew ihallsu ghal *lap dance, pole dance* u *strip tease* fejn it-tfajla tinza kompletament gharwiena.

Illi gie sostnut li '*lewd and immoral activity has been considered to take place where the predominant object and natural effect upon the observers – patrons of one portion of the performance was erotic excitation*.'

Hu huwa propju hawnhekk fejn il-Qorti naqset li taghmel distinzjonijiet bazici li jwasslu ghal interpretazzjoni tajba tal-ligi. '*There is a difference between dancing and gyrating. There is a difference between dancing and mimicking sexual acts on stage. There is a difference too when a singer wears beachwear or underwear on stage even when the song being performed is not about the beach, swimming or, well, underwear. And a bra and panties are still either a bikini or underwear no matter how much glitter you sew into them*.'

Illi minkejja l-fatt li l-appellati mputati ma ghandhom l-ebda problema personali jew diffikulta li jmexxu u jghinu fit-tmexxija fil-pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, bla ebda misthija ta' xejn ma ghandu x'jaqsam xejn dwar jekk fl-ahhar minn l-ahhar l-appellati mputati humiex qed jiksru l-ligi u tuza bhala bazi li skond il-Qorti biss (mhux provata) li l-morali qed jinbidlu. Il-moda tinbidel matul iz-zmien skond il-gosti tan-nies. Il-morali huma li huma u qatt ma jinbidlu. Huwa d-dover tal-Qorti li tara li dejjem jitharsu meta jaqghu fil-parametri tal-ligi Maltija u mhux ninjorawhom a kawza li s-socjeta Maltija hija esposta ghal influenza turistika meta qed taghti lok ghat-tfajliet Maltin (apparti dawk il-barranin li ghandhom permess jahdmu f'Malta) li jaghmlu *strip tease* fejn jinzghu gharwenin u niffacilitaw it-tmexxija tal-burdelli f'Malta bi tfajliet Maltin.

Ghalhekk, l-appellant ma jistax isegwi l-logika tal-Ewwel Qorti meta minn naha wahda l-Qorti hija preokkupata li l-generazzjoni zaghzugha Maltija tista' tigi esposta ghal dak li mhux xieraq, jigifieri, l-ilbies tat-*thongs* fuq l-ixtajtiet, izda fl-istess nifs hija preparata li tippermetti l-ilbies tat-*thongs* bhala lbies ta' fuq f'postijiet ta' divertiment fejn iz-zghazagh Maltin, inkluz **minorenni**, jigu esposti ghal dan it-tip tal-ilbies, izda f'atmosfera zienja u provokanti.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha l-opportunita' li jiddiskuti fit-tul x'kellu f'mohhu l-legislatur meta ghadda ligijiet fuq dawn l-offizi. Illi gie sostnut illi '*fil-verita fil-kamp tal-pudur, tad-decenza pubblika wiehed irid ihares anki lejn l-element tar-ripunanzja li jidher li hu fid-dottrina parti ntegrali minn dan id-delitt*' u l-Ewwel Qorti naqset li taghmel referenza ghal dan.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz hawn fuq imsemmi, kkwota x'qal il-Qorti Taljan tal-Kassazzjoni fuq dan is-suggett illi '*nel concetto di atti contrari all pubblica decenza vanno compresi* ***non solo*** *gli atti sconce o turpi, ma altresi quelli che, anche senza investire la sfera della morale sessuale, sono comunque moralmente o fisicamente ripugnanti alla piu' elementari regole dell'educazione; e' cioe' perche la nozione di pubblica decenza inerisce al costume e consiste in quell minimo di costumatezza e di decoro che deve accompagnare tutte le attivita che si svolgono nell'ambiente sociale*'.

Illi oltre, dan il-Qorti tal-Appell Kriminali wkoll sostniet illi '*il senso guridico del pudore consiste questo nel sentimento di un popolo, del nostro popolo, un un determinato momento storico, inteso a mantenere un naturale senso di riserto per quanto attiene alle manifestazione sessuale. Quel che improta per la legge e svolgimento, complesio e delicate della vita sessuale non subisca artificiose eccitazioni e di conseguenza di tali eccitazioni tranferite sul piano sociale e pubblico non turbine il sentimento collettive, la sensibilita etica media dei consocialte si da arricare danno all'individuo o alla societa*'.

Fil-kaz *In Re Tahiti Bar, Inc* u *In Re Diana*, '*the court found immoral or improper entertainment any unlawful contact where a go – go dancer performing in an abbreviated costume indulged in physical contact of a suggestive and prurient nature with patrons*'.

L-appellant l-Avukat Generali bir-rispett kollu jissottometti li:

a. Il-*lap dance*, *pole dance* u *strip* jammonta ghal att libiduzinus quddiem il-ligi.
b. Kull persuna li tikkommeti l-ghemil zieni li jikkonsisti f'*lap dancing*, *pole dancing* u *strip tease* hija kkonsidrata bhala prostituta quddiem il-ligi.
c. L-istabbilimenti kollha, fejn il-prostituti, jaghmlu l-ghemil zieni ta' *lap dancing*, *pole dancing* u *strip tease* huma briedel quddiem il-ligi.
d. Kull min jassocja ruhu, zamm, mexxa, jippermetti jew ikollu x'jaqsam ma' burdell ghandu jinstab hati tal-ksur tal-ligi.

*Quindi*, l-appellant Avukat Generali jissottometti li l-Onorabbli l-Ewwel Qorti zbaljat meta llbierat l-akkuzati kollha miz-zewg akkuzi adebitati lilhom kollha u lliberat lil Frank Cachia u Michael Ciappara tal-ewwel akkuza adebitati lilhom it-tnejn wehidhom.

Ikkunsidrat,

Illi kemm l-Avukat Generali kif ukoll l-imputati Frank Cachia u Michael Ciappara hassew rwiehhom aggravati bid-decizjoni tal-Ewwel Qorti u dan ghar-ragunijiet differenti bl-Avukat Generali jikkritika d-decizjoni mpunjata fejn din illiberat lill-imputati kollha mill-ewwel zewg akkuzi migjuba kontra taghhom u fejn illiberat lill-imputati Frank Cachia u Michael Ciappara mill-ewwel imputazzjoni lilhom biss addebitata. Minn naha taghhom l-appellanti/appellati Frank Cachia u Michael Ciappara iressqu il-lanjanza taghhom fil-konfront tas-sejbien ta' htija mill-Ewwel Qorti ghat-tieni, it-tielet, ir-raba u is-sitt akkuzi dedotti kontra taghhom biss relatati mal-impjieg tat-tfajliet esteri fil-fond "Maximus" u l-gestjoni tal-imsemmi fond. Illi l-Qorti sejra tqies l-ewwel u qabel kollox l-appell intentat mill-Avukat Generali dirett lejn l-imputati kollha billi dan huwa dirett lejn l-akkuzi ewlenija mahruga fit-termini tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali fl-appell minnu ntentat huwa tal-fehma illi l-Ewwel Qorti ghamlet esposizzjoni zbaljata ta' dak li skont il-ligi jikkostitwixxi burdell, prostituzzjoni u atti mmorali. Dan ghaliex ghall-att materjali mertu ta' din il-vertenza konsistenti f'servizzi moghtija minn tfajliet gewwa 'l hekk maghrufa gentleman's

clubs, l-appellati gew addebitati bir-reati mahsuba fl-artikoli 8 u 9 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-fattispecje tal-kaz jirrizulta illi meta il-pulizija ghamlu *raid* gewwa l-istabbiliment *Maximus* huma sabu diversi tfajliet lebsin ilbies ta' taht mal-*bar* izommu kumpanija lill-klijenti rgiel, kif ukoll xi tfajliet qeghdin jaghmlu zfin ma' "*pole*", hekk imsejjah "*pole dancing*". It-tfajliet jigu arrestati, jitressqu il-Qorti u jammettu ghall-akkuzi lilhom addebitati. Billi allura l-kaz taghhom kien ghadda in gudikat huma joffru x-xiehda taghhom f'dan il-kaz fejn jaghtu deskrizzjoni tas-servizzi minnhom offerti lill-klijenti tal-*bar* u cioe' dak ta' *strip tease, topless* u *pole dancing* u *lap dancing*, bl-i*strip tease* u *topless dancing* isir biss gewwa kmamar privati, u tal-mod kif kienu jithallsu ghal dawn is-servizzi. L-istruzzjonijiet li kienu rcevew minghand l-appellat/appellant Frank Cachia li ha hsieb l-ingagg taghhom kien li huma ma kellhomx jaghmlu kuntatt fiziku mal-klijenti u ma kellhomx jaccettaw inviti jew stedin minn ghandhom. Fil-fatt ma jirrizultax mill-provi illi fl-istabbiliment kien qed jigu pprovduti xi servizzi sesswali.

Illi f'dawn l-ahhar snin gewwa zoni ta' divertiment b'mod ewlieni f'stabbilimenti f'Paceville faqqsu 'l hekk imsejjha "*gentlemen's clubs*". F'dawn l-istabbilimenti li huma ffrekwentati esklussivament minn persuni tas-sess maskili jigi offrut tip ta' divertiment fejn nisa li jkunu lebsin il-minimu tal-hwejjeg jaghmlu zfin partikolari u cioe' zfin erotiku msejjah *lap dancing* jew *pole/table dancing* u kultant anke *strip tease.* Dan jista' isehh ukoll f'kabini privati li jkunu maghluqa fejn persuna tas-sess femminili toffri zifna erotika b'mod privat lil-persuna tas-sess maskili. Ma hemmx dubbju illi tali servizzi ghandhom l-ghan li jqanqlu pjacir sesswali lill-ispettatur, ghalkemm ma jigix imwettaq ebda att sesswali.

Illi sfortunatament ghalkemm l-Ezekuttiv hejja pjan ta' konsultazzjoni bil-ghan li tigi promulgata ligi li tirregola din l-attivita '*sui generis*', madanakollu qatt ma immaterjalizzaw regolamenti li maghhom il-qrati jistghu jimxu meta spiss l-id tal-gustizzja tipprova tirregola x-xoghol li jaghmlu tfajliet f'dawn it-tip ta' stabbilimenti.

Illi illum s-socjeta' taghna iktar ma jghaddi iz-zmien qed issir iktar permissiva u dan kif sewwa stqarret l-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata. Il-Legislatur diga' fil-fatt ha passi sabiex jirregola il-firxa ta' attivitajiet li qabel kienu jitqiesu bhala immorali u indicenti, bhal per ezempju l-ligi li tirregola l-bejgh ta' oggetti jew kitbiet pornografici, il-ligi li tirregola ic-censura fost ohrajn. Madanakollu fir-rigward tal-istabbilimenti hekk imsejjha '*gentleman's clubs*', ma tezisti l-ebda legislazzjoni specifika li tirregola il-gestjoni ta' dawn il-hwienet u l-limiti li ghandhom jigu mposti ghall-atti li jsiru gewwa fihom. Per ezempju hemm il-hsieb illi iz-zfin fil-kmamar privati jitnehha, ir-reklamar mit-tfajliet tas-servizzi minnhom offerti barra l-istabbilment ikun ipprojbit fost ohrajn. Ghalkemm jidher illi l-Ezekuttiv huwa miexi fid-direzzjoni illi jirregola it-tmexxija ta' dan it-tip ta' negozju madanakollu sal-lum dan ghadu ma sehhx.

Il-Prosekutur ghalhekk f'dawn l-ahhar snin irrikorra lejn id-disposizzjonijiet generali tal-ligi li jirregolaw it-tmexxija ta' briedel u stabbilimenti ohra li jistghu joffru servizzi ta' pjacir sesswali. Dana huwa zbaljat billi jidher illi dawn l-istabbilimenti huma gestiti b'mod differenti minn briedel jew *half-way* houses ohra fejn fihom jigi offrut biss servizz ta' prostituzzjoni. Billi, kif diga inghad, ma tezisti l-ebda legislazzjoni li jirregolaw dawn l-istabbilimenti partikolari, allura huwa difficli biex jigi sanzjonat it-tip ta' attivita li isir gewwa fihom. Il-Prosekuzzjoni dejjem mexxiet l-azzjoni penali kontra min jiggestixxi dawn l-istabbilimenti taht il-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellem dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni, ligi li fil-fehma ta' din il-Qorti ma ghandhiex issib applikazzjoni fil-kaz in dizamina billi n-natura ta' dawn iz-zewg tipi ta' "negozji" u s-servizzi li joffru huma differenti.

Illi huwa fatt maghruf illi f'dawn il-*clubs* qeghdin jahdmu tfajliet hafna drabi gejjien minn pajjizi tal-Ewropa tal-Lvant, pajjizi li ghalkemm illum stati membri tal-Unjoni Ewropeja madanakollu ghadhom qed ibatu mill-effetti tal-komunizmu li hakimhom ghal snin twal u li ghalhekk ghadhom ibatu minn faqar socjali. Hafna drabi dawn it-tfajliet jasslu f'pajjizna bit-tir li jaghmlu dan it-tip ta' xoghol bl-iskop illi jaqilghu xi haga tal-flus. Hafna minnhom sfortunatament jispiccaw jigu sfruttati u anke kostretti jaghmlu dana t-tip ta'xoghol biex jaqilghu l-ghejxien taghhom, ghalkemm dan ma jirrizultax fil-kaz taht il-lenti tal-Qorti. Illi iz-zeffiena li hafna drabi ikunu self-

employed u jhallsu tip ta' *stage fee* lil sid l-istabbiliment, imbaghad ikunu kostretti jaraw kif ihallsu dina l-"mizata" lura billi jattiraw il-klijenti ghaz-zfin taghhom.

Illi l-Qorti tosserva illi l-kaz li issa jinsab taht il-lenti taghha kien uniku fil-fattispecje tieghu meta inbdiet il-prosekuzzjoni tieghu lura fis-sena 2005. Illi fil-fatt matul il-mori ta' dan l-appell, l-appellati sahansitra ressqu lanjanza kostituzzjonali fejn allegaw illi huma kienu qeghdin isofru lezjoni tad-dritt sancit fl-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem meta kienet qed tirrizulta ambigwita' fil-ligi u nuqqas ta' certezza meta l-att materjali tar-reat kien qed ifittex li jigi sanzjonat l-att ta' immoralita' fit-termini tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa ghalkemm l-Avukat Generali jaghmel esposizzjoni fir-rikors tal-appell ta' dak li jikkostitwixxi "prostituzzjoni" jew "eghmil zieni," madanakollu ma jorbotx dawn id-definizzjonijiet mal-fatti tal-kaz. Dan ghaliex ghalkemm meta saret l-ispezzjoni mill-pulizija irrizulta illi kien hemm nisa mal-*bar* li kienu lebsin hwejjeg ta' taht deskritti bhala '*skimpy*', madankollu ma hemmx l-icken prova illi dawn kienu qed iwettqu xi att sesswali. Huwa minnu illi t-tfajliet involuti jiddeskru it-tip ta' zfin li kienu jezegwixxu fl-istabbiliment, izda dejjem jishqu illi ebda kuntatt fiziku mal-klijent ma kien permess la fil-lok u lanqas barra, biex b'hekk allura l-irgiel li jiffrekwentaw dawn it-tip ta' stabbilimenti hafna drabi huma iktar spettaturi fix-xena, milli atturi nvoluti direttament fl-attivitajiet li jsehhu f'dan il-post ta' divertiment. Fil-fatt sahansitra il-kuntratt tal-impjieg taghhom, tnejn minnhom esebiti in atti, jistipula hekk:

> *"No employee is entitled to have any contact whatsoever with any client from the club after working hours. If so is the case, the employees will be sent back bearing all expenses."*
>
> *"Any wrongdoing (i.e. any kind of sexual relationship) by any employee during working hours will automatically have their employment terminated and liable to any damages the employer may suffer."*

Il-Prosekuzzjoni ghogobha, kif inghad, li tixli lill-imputati, appellati bir-reati mahsuba fil-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta u precizament b'dawk mahsuba fl-artikoli 8, 9 u 10 tal-Att li jiddisponu hekk:

**"Kull min iżomm jew jeżerċita jew ikollu sehem ma'oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta' prostituzzjoni <u>jew għal skopijiet oħra mmorali</u> jeħel, meta jinsab ħati, il-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn u multa ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu."**

**"Kull min għandu ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u jħalli jew jippermetti li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni <u>jew għal skopijiet oħra mmorali</u> jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija minn xahar sa sitt xhur**."

**"Is-sid jew kull min għandu taħt idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond ieħor li xjentement jagħti b'kiri jew jippermetti l-użu tagħhom għal skop ta' prostituzzjoni <u>jew għal skopijiet oħra mmorali</u> jeħel, meta jinsab ħati ...."**

Illi dawn it-tlett disposizzjonijiet tal-ligi jiddeskrivu l-att materjali tar-reat bil-kliem "prostituzzjoni" u "skopijiet ohra mmorali", liema l-ahhar frazi giet issottolinjata mill-Qorti. Dan ghaliex ghalkemm ma hemmx provi illi fil-fond "*Maximus*" kienet qed issir xi attivita' ta' prostituzzjoni, madanakollu il-Prosekuzzjoni tikklassifika z-zfin erotiku li kien issir bhala "att immorali" u allura fil-fehma tal-Avukat Generali jaqa' fl-iskop u s-sanzjoni tal-ligi.

Ghalkemm mal-medda tas-snin il-gurisprudenza dejjem fittxet biex taghti definizzjoni ta' dawk l-atti li ghandhom jitqiesu bhala 'immorali' u dan sabiex tqiesx jekk jirrizultawx ir-reati kkontemplati f'dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi, madanakollu fil-fehma ta' din il-Qorti il-legislatur meta fittex biex jissanzjona l-atti hemmhekk imsemmija permezz tal-promulgazzjoni tal-Kapitolu 63 u l-emendi li segwew ghall-Att, ried ihares milli l-awtur tar-reat jaghmel qliegh minn fuq l-prostituzzjoni jew inkella mill-attivita ta' natura sesswali li ssir fil-proprjeta' tieghu. Huwa dan illi allura isib is-sanzjoni tal-ligi u mhux l-att immorali innifsu, billi att partikolari li jinvolvi l-esposizzjoni tal-gisem femminili, ghalkemm jista' ma jilhaqx il-minimu ta' livell ta' moralita' mistennija ma ghandux ifisser illi jaqa' taht is-sanzjoni

tal-ligi. Illi allura il-ligi trid tipprotegi kull min ikun qieghed jigi sfruttat u dan sabiex haddiehor ma jaghmilx qliegh minn dak l-isfruttament. Illi gie ribadit mill-qrati taghna matul dawn l-ahhar snin mill-koncepiment ta' dawn it-tipi ta' postijiet ta' divertiment, illi l-att li jinvolvi *strip tease*, *pole dancing* jew *lap dancing* (li mhuwiex att ta' prostituzzjoni) ma ghandux jaqa' fl-isfera ta' att immorali meta kommess f'post li huwa ndikat ghad-divertiment ta' persuni tas-sess maskil u meta jidher, ghal tal-anqas mill-atti processwali f'dan il-kaz, illi n-nisa li kienu qed jaghmlu dan ix-xoghol kienu qed jaghmlu dan bil-volonta' libera taghhom u kienu qed jaghmlu qliegh minnu:

> **"Il-pulizija illi marru jaghmlu l-ispezzjoni deherilhom illi dak illi raw quddiemhom seta' jitqies bhala att immorali fis-sens tal-ligi. Evidentement ghan-nies illi kienu prezenti f'dak il-lokal, dan ma kienx. Dawn in-nies kienu prezenti volontarjament u kienu persuni adulti illi setghu jiehdu d-decizjoni matura jidhlux jew ma jidhlux f'dak l-istabiliment. Di più t-tfajliet kienu adulti u ma hemm l-ebda prova illi dawn gew b'xi mod sfurzati jew influwenzati biex huma jaghmlu dawk l-atti illi sussegwentement irrizulta illi ghamlu. Ghalhekk din hija kwistjoni soggettiva illi tiddependi hafna mill-persuna illi jkun dak il-hin qieghed jara dawn l-atti jsiru quddiemu. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza deciza fit-8 ta' Marzu 2007 fl-ismijiet "Il-Pulizija versus Lorraine Falzon" fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet, wara illi rriferiet ghall-kawza "Il-Pulizija versus Christine Adams" (1962) qalet,**
>
> **"Minn dak iz-zmien, il-Qorti qalet, ghaddew diversi snin u certi kuncetti ta' x'inhu ilbies xieraq u mhuwiex komplew jevolvu jew jiddeterjoraw skont kif wiehed ihares lejn din il-kwistjoni. Il-Qorti kompliet u affermat illi tkun xi tkun il-fehma tal-gudikant individwali, fl-assenza ta' dispozizzjoni cara u tonda x'jista' jew x'ma jistax jintlibes, il-kwistjoni se tibqa' wahda soggettiva ghall-ahhar u apparti mill-fatturi ta' post u hin u cirkostanzi, tiddependi mill-forma mentis ossija l-make-up psikologiku morali u l-ottika tal-gudikant partikolari – ikun hemm kazijiet ta' ilbies mhux xieraq ovvja ghal xi uhud u anqas ovvji ghal ohrajn."**
>
> **Ghalhekk dak illi raw il-pulizija dakinhar tal-ispezzjoni illi deherilhom illi kien kontra l-morali f'lok pubbliku jew espost ghall-pubbliku mhux necessarjament huwa mmorali ghal persuni ohrajn b'make-up psikologiku jew trobbija differenti. Illum il-prezenza ta' tfajliet pole dancing u lap dancing hija komuni hafna f'pajjizna u jinsab imferrex sew f'diversi nightclubs illi joffru dan is-servizz. Di più anke l-ilbies skars tat-tfajliet b'tanga u bra ukoll accettabbli u accessibbli ghal kulhadd kemm fuq il-mezz tat-televizjoni kif ukoll fuq mezzi elettronici. Wasalna fl-istat fejn is-socjetà taghna m'ghadhiex aktar thares b'certa stmerrija lejn dawn l-attivitajiet.**

**Hekk qalet il-kawza deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-2 ta' Ottubru 2010 "Police versus Luciana Loredana Secan" fejn il-Qorti qalet,**

**"The Court is of the opinion that when such acts are performed by consenting adults and in cases where there is no exploitation or abuse, then such acts should not be illegal."**

**L-istess f'kawza aktar ricenti deciza ukoll mill-Qorti tal-Magistrati fis-16 ta' Mejju 2013 "Il-Pulizija kontra Rebecca Camilleri" et fejn dik il-Qorti anzi qalet illi l-fatt illi deher is-sider tal-persuna li kienet qieghda tizfen, wahdu, minghajr cirkostanzi ohra idonei bhala wiehed illi jaghti skandlu ndipendentement minn jekk hux fatt accettabbli jew le, dik il-Qorti kienet tal-fehma illi l-ghemil mhuwiex fl-estrem att vulgarju pastaz jew li joffendi d-dicenza. F'dan il-kaz terga' m'ghandniex dawn l-estremi peress illi hadd ma allega illi dawn it-tfajliet f'xi hin esponew sidirhom ghall-pubbliku illi kien hemm prezenti fl-istabiliment." – Il-Pulizija vs Donald Camilleri App. Inf. 02/10/2014**

Fid-dawl ta' dawn l-izviluppi gurisprudenzjali, meta abbinati mal-fatti probatorji f'dan il-kaz, din il-Qorti tqies allura illi l-aggravji mqanqla mill-Avukat Generali ma jisthoqqilhomx akkoljiment u dan fid-dawl tal-fatt illi s-sentenza mpunjata li pprecediet dan il-hsieb gurisprudenjzali, madanakollu tabbraccja l-istess.

Il-Qorti, madanakollu terga' tirrafferma illi wasal iz-zmien illi dawn l-istabbilimenti ta' divertiment jigu rregolati f'legislazzjoni *ad hoc* u li jitpogga fuq saqajh qafas legislattiv li jistabbilixxi liema hi dik l-attivita li ghandha tigi permessa u liema ghandha tigi sanzjonata, u fuq kollox li jkun hemm il-harsien shih mhux biss minn sfruttament ta' dawk it-tfajliet li jintefghu ghal dan it-tip ta' xoghol izda, tas-socjeta in generali billi jigi definit car u tond min jista' jiffrekwenta dawn it-tip ta' stabbilimenti, sabiex jigu mharsin dawk il-persuni vulnerabbli fis-socjeta b'mod partikolari il-minorenni.

Ghal dawn il-motivi l-aggravji tal-Avukat Generali qed jigu respinti. Jifdal biex jigu kkunsidrati issa l-aggravji mqanqla mill-imputati Frank Cachia u Michael Ciappara fir-rikorsi ta'l-appelli rispettivi taghhom.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti Cachia u Ciappara joggezzjonaw ghas-sejbien ta' htija mill-Ewwel Qorti ghall-akkuzi marbuta fl-ewwel lok mal-impjieg minghajr id-debita registrazzjoni mal-awtoritajiet koncernati, fit-tieni lok il-gestjoni tal-*bar Maximus* minghajr licenzja mill-Awtorita' tat-Turizmu, u finalment l-uzu tas-servizzi ta' gwardajn privat/*security guard* li ma kienx llicenzjat skond il-ligi.

Illi ghalkemm l-appellanti isostnu illi ma hemmx prova li huma kienu b'xi mod involuti fit-tmexxija tal-*bar* u allura taz-zfin li kien isir mit-tfajliet gewwa l-*bar*, din il-Qorti bhal-Ewwel Qorti qabilha tistqarr illi dina l-affermazzjoni ma ghandhiex mis-sewwa. Illi ghalkemm l-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellanti/imputati ma humiex se jittiehdu in konsiderazzjoni mill-Qorti billi dawn gew rilaxxjati lura fis-sena 2005 meta allura l-persuna suspettata ma kenitx tkun assistita minn avukat meta tigi nterrogata u allura setghet tinkrimina ruhha, madanakollu mill-kumplament tal-provi huwa indubitat illi l-imputati kollha kienu nvoluti fit-tmexxija ta' dan in-negozju u cioe' tal-*gentleman's club* bl-isem *Maximus*, kull wiehed b'manzjoni differenti. Jidher illi dan il-*bar* ma kienx illicenzjat billi l-licenzja li kien hemm fuq saqajha f'dak iz-zmien kienet tkopri stabbiliment bl-isem ta' *Euroclub Hotel Bar* u mhux *bar* bl-isem "*Maximus*" u kwindi anke jekk dawn kienu jinsabu fl-istess bini gewwa il-*Euroclub Hotel*, madanakollu l-licenzja ma tindikax l-isem ta' dan il-*bar* mertu tal-kawza. Mhux biss, izda jidher illi l-lukanda li kienet giet maghluqa minhabba f'*refurbishment* ma kenitx illicenzjata sa mis-sena 2000. Kienet baqghet biss vigenti licenzja ta' *bar* bl-isem *Euroclub Hotel Bar* li giet sospiza fis-sena 2006 billi ghalkemm baqghet tigi awtomatikament imgedda mill-Awtorita ghat-Turizmu, madanakollu ma kenitx qed tigi mhallsa. Jidher illi l-appellanti Ciappara kellu xi kwistjonijiet pendenti mas-sid precedenti tal-lukanda u anke kien hemm xi proceduri legali u gudizzjarji pendenti. Jibqa' l-fatt madanakollu li l-posizzjoni mal-awtoritajiet dwar il-licenzja tal-*bar* bl-isem *Maximus* kienet ghada ma gietx irregolarizzata[1].

[1] Ara xiehda Dr. Michael Camilleri – rapprezentant Malta Tourism Authority

Illi din il-Qorti ukoll hija konvinta moralment illi t-tmexxija tan-negozju f'dan il-*gentleman's club* kien fdat f'idejn l-appellanti. Jidher illi l-appellant Frank Cachia kien jiehu hiseb l-ingagg tat-tfajliet u allura kien jiehu hsieb l-impjieg taghhom tant illi l-kuntratt ta' impjieg gie ffirmat minnu, filwaqt li Ciappara kellu f'idejh it-tmexxija ta'l-istabbiliment. Jidher mill-provi illi kien ikun anke prezenti fil-*bar* flimkien mal-imputati l-ohra. Illi allura huwa ppruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-erba tfajliet ikkoncernati u cioe' Nicoletta Spataru, Gabriella Stingaciu, Gabriella Chirac u Elena Petronella, kienu mpjegati bhala zeffiena u dan kif jirrizulta mill-kuntratti tal-impjieg esebiti u ffirmati minn Frank Cachia u ukoll li dawn kienu ta' nazzjonalita barranija. Illi ghalkemm hemm xi *e-mails* skambjati bejn l-appellanti Frank Cachia u il-Korporazzjoni ghat-Tahrig u l-impjiegi fejn issir referenza ghall-impjieg ta' erba tfajliet rumeni u anke tigi esebieta ricevuta, madanakollu ma hemmx indikat jekk dawn jirreferux ghall-erba tfajliet mertu tal-kaz. Di piu' mix-xiehda tar-rapprezentant tal-ETC Philip Bonnici jidher illi ma kien hemm l-ebda permess tax-xoghol mahrug fuq il-fond *Maximus Bar* li jfisser illi ma kienx hemm persuni rregistrati li qed jahdmu f'dan l-istabbiliment. Mhux biss izda il-permessi esebieti jirreferu ghal xi tfajliet ohra u mhux dawk li nstabu jahdmu fil-*bar* mill-pulizija.

Illi fir-rigward tal-impjieg ta' Anthony Azzopardi jirrizulta mill-atti probatorji illi dan kien impjegat mas-socjeta ta' gwardjani privati bl-isem ta' G3, li offriet is-servizzi ta' Azzopardi lid-dirigenti tal-bar *Maximus*. Billi minhabba il-korporatura fizika ta' Azzopardi dan ma setax joffri is-servizzi tieghu fil-bieb ta' barra bhala *security guard*, beda jizvolgi x-xoghol tieghu fuq in-naha ta' gewwa tal-*bar* fejn fost xoghol iehor kien jiehu hsieb jara li jikkontrolla l-imgieba tal-klijenti tal-*bar* fil-konfront tat-tfajliet u allura jara li jinzamm il-bon ordni fost affarijiet ohra. Jidher ukoll illi minhabba l-fatt illi f'xi zmien il-*bar* spicca minghajr is-servizzi tal-*manager*, Azzopardi kien qed jiehu hsieb jaghmel dan ix-xoghol ta' amministrazzjoni ukoll ghalkemm mhux bil-kunsens tal-principal tieghu, u dan sakemm jigi ngaggat *manager* iehor. Illi mix-xiehda ta' WPC 6 Maureen Tarpi jirrizulta illi ma kien hemm l-ebda licenzja bhala *private guard* mahruga fuq Anthony Azzopardi.

Illi allura ghal dawn il-motivi l-Qorti ma tara l-ebda motiv li jista' iwassalha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell kemm tal-Avukat Generali, kif ukoll tal-imputati Frank Cachia u Michael Ciappara u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur